MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 980/2001/1

Kawza fil-lista: 27

**Marie u Alfred konjugi Fenech**
**Vs**
**Raymond Casa u Sarah Delia**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremettew u talbu hekk:

Billi fil-21 ta’ Ottubru 2000 waqt li l-istanti Marie Fenech kienet wieqfa bil-car Hyundai Accent nru BBL-059 f’“petrol filling station” f’San Giljan din sfat milquta fuq wara mill-Van Transit nru ECL-001 misjuq mill-konvenut Raymond Casa u garrbet hsara oltre li l-istess Marie Fenech wegghet u baqghet permanentement parzjalment disabilitata.

Billi l-konvenut Raymond Casa mhux qed jaghti ebda tort lil Marie Fenech izda qed iwahhal fil-konvenuta Sarah Delia, driver tal-car Fiat nru IAS-801.

Billi l-incident gara minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti tal-konvenuti jew min minnhom.

Billi ghall-hsara fil-car Hyundai ghamlet tajjeb il-kumpanija assikurattrici tal-atturi SMS Insurance Agency Ltd. noe minhabba "comprehensive policy of insurance".

Billi l-attrici thallset ukoll ta' xi spejjes medici taht "health policy" u anke rceviet mill-istess SMS Insurance Agency Ltd. noe Lm150 akkont ta' spejjes ohra medici izda ghadha skoperta ghall-bqija tad-danni senjatament telf ta' xoghol u fir-rigward tad-debilitazzjoni permanenti parzjali.

Jghidu l-konvenuti ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjarahom, jew min minnhom, responsabbli ghall-incident stradali msemmmi u ghad-danni kollha li, b'rizultat ta' l-istess sofrew l-istanti u li taghhom baqghu mhux imhallsa.

2. Tillikwida l-istess danni, occorrendo bl-opra ta' periti nominandi.

3. Tikkundannahom, jew min minnhom, ihallsu lill-atturi dak l-ammont likwidat u dikjarat bhala dovut in linea ta' danni kif imfisser.

Bl-ispejjes, komprizi Lm34.50c ta' konsulti, ittri u komunikazzjonijiet ohra, u dawk taz-zewg ittri ufficjali tal-lum ai termini tal-Kap. 104 u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenuti, jew min minnhom, li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Raymond Casa li biha eccepixxa:

1. Illi t-talba ta’ l-atturi ghandha tkun respinta billi l-incident tat-traffiku mertu tal-kawza ma garax tort ta’ l-eccipjent.

2. Id-danni pretizi qed jigu kontestati.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Sarah Delia li biha eccepiet:

1. Illi hija ghandha tigi liberata mill-osservanza ta’ dan il-gudizzju stante li hija ma tahti xejn ghall-incident mertu ta’ din il-kawza u ghalhekk ma hemm ebda danni x’jigu likwidati fil-konfront taghha, bl-ispejjez kontra l-atturi.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat ir-relazzjoni tal-perit mediku l-Kirurgu Mr.Carmel Grixti minnu debitament mahlufa;
Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi n-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;
Semghet il-provi bil-gurament;
Ikkunsidrat;

**Kwadru tal-fatti**
Illi dan il-kaz origina minn incident tat-traffiku li sehh f’ fil-21 ta’ Ottubru 2000, f’ Birkirkara Road, San Giljan u precisament fil-vicinanzi talpetrol station bejn il-vettura Hyundai [BBL 059] misjuqa mill-attrici, u l-van Transit [ECL 001] misjuq mill-konvenut Raymond Casa. Involuta fid-dinamika tal-incident kien hemm wkoll il-vettura Fiat Uno [IAS 801] misjuqa mill-konvenuta Sarah Delia.

Illi mill-assiem tal-provi ddelinea ruhu is-segwenti kwadru tal-fatti. Dak in-nhar ghal habta tal-4.30 pm meta l-attrici kienet qeda tistenna bil-vettura taghha fil-kju sabiex tiehu l-petrol u l-konvenuta Sarah Delia kienet barra l-kju, f’ posizzjoni angolata vicin il-vettura tal-attrici ghan-nofs taghha, il-konvenut Raymond Casa li kien gej mid-direzzjoni tas-Sliema sejjer lejn San Gwann baqa’ diehel fuq il-vettura tal-attrici.

Rizultat ta' din il-kollizzjoni l-van tal-konvenut garrab hsarat fuq quddiem xellugi taghha, filwaqt li l-vettura tal-attrici garrbet hsarat fuq il-naha ta' wara lemini taghha. L-attrici garrbet wkoll hsarat fil-persuna taghha. Il-vettura tal-konvenuta ma ntlaqtitx.

Illi, filwaqt li rrizulta pacifiku li fil-mument tal-kollizzjoni l-attrici kienet wieqfa fuq in-naha taghha tat-triq fil-kju tistenna sabiex tiehu l-petrol, hemm kontestazzjoni dwar il-movinenti tal-konvenuta Delia fil-ftit sekondi precedenti l-incident. Din il-konvenuta ssostni li hija kienet wieqfa barra l-kju angolata ghal nofs il-vettura tal-attrici, kwazi tmiss minn quddiem mal-vetturi, sabiex tipprova tinserixxi ruhha fil-kju; filwaqt li l-konvenut Casa jsostni li l-konvenuta Delia, li precedentement kienet fuq in-naha l-ohra tat-triq, qassmet it-triq, u giet fil-karreggjata tieghu, fil-mument li hu kien ghaddej minn dik il-parti tat-triq, bir-rizultat li holqet emergenza subitanea li geghlitu jigbed ghal fuq ix-xellug tieghu, biex jevita li jolqot il-vettura tal-konvenuta, bir-rizultat li huwa baqa' diehel fil-vettura tal-attrici kif fuq indikat.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi ghall ahjar intendiment ta' dan il-gudizzju u tad-dinamika tal-incident huwa opportun li tinghata deskrizzjoni tal-konfigurazzjoni tat-triq fil-post fejn sehh l-incident. Din il-Qorti kif presjeduta hija familjari hafna mal-inhawi u hija konsapevoli tal-perikoli li tipprezenta t-triq in kwistjoni, kemm minhabba l-konfigurazzjoni taghha, kif ukoll minhabba s-sistema tat-traffiku, u anke tenut kont tal-fatt li fl-inhawi jkun hemm vetturi pparkjata mal-gnub tat-triq.

Illi t-triq tista' tinqasam fit-tnejn, parti minnha, msejjha Mrabat Road, hija two way u l-kumplament, msejjha Birkirkara Road hija one way. Fl-ewwel parti tat-triq, mid-direzzjoni ta' tas-Sliema din tiehu l-vetturi miz-zewg nahat, hija dejqa, ghandha lilwa fin-nofs taghha li tostakola l-viswali ghad-dritt. Kif tasal ftit qabel il-petrol station, hemm junction fuq in-naha tal-lemin li minnha jinzel it-traffiku mir-Regional Road, li jizbokka kwazi quddiem il-petrol station. F' dan il-post is-sistema tat-traffiku

tinqasam fit-tnejn: parti li tmur ghad-direzzjoni ta' tas-Sliema u allura tinserixxi ruhha fil-karreggjata opposta ghal dik li taghti ghal San Gwann, u parti li tmur fid-direzzjoni ta' San Gwann u allura tinserixxi ruhha fit-tieni karreggjata li hemm f' dik il-parti tat-triq cioe' Birkirkara Road u li hija one way, jgifieri hija karreggjata doppja li , minn dan il-punt, tiehu vetturi biss li jkunu sejrin lejn San Gwann. Il-konfigurazzjoni tal-lok tidher b' mod car fuq ir-ritratt esebiti Dok.R2.[1]

Il-konvenut kien gej minn naha ta' tas-Sliema minn Mrabat Road li tiehu traffiku gejn mid-direzzjonijiet opposti, u kien qed isuq fuq in-naha tax-xellug tat-triq sejjer fid-direzzjoni ta' San Gwann. Il-konvenuta Casa minn naha taghha kienet f' dik il-parti tat-triq [Birkirkara Road] b' karreggjata doppja izda li tiehu biss traffiku sejjer lejn San Gwann. Kif jidher mir-ritratt fuq indikat, minhabba l-konfigurazzjoni tat-triq, il-karrozzi li jkunu fil-kju vicin il-petrol station, ma jfixklux it-traffiku ghaddej fuq il-karreggjata tax-xellug li mid-direzzjoni ta' tas-Sliema taghti ghal San Gwann. Huwa fatt rilevanti, li l-vetturi li jkunu pararalleli, jew izjed u izjed, angolati ghall-vetturi fil-kju quddiem il-petro station, jigu fil-karreggjata xellugija li minnha kien ghaddej il-konvenut Casa. Il-Qorti tirrileva li ghalkemm ir-ritratt fuq indikat jghati impressjoni ta' kobor fil wisa' ta' din il-parti tat-triq, il-verita' hi li il-wisa ta' din il-parti tat-triq hi tali li tiehu biss tlett vetturi paralleli u cioe' l-vetturi li jkunu fil-kju fejn il-petrol station, il-karrozzi li jkunu sejjrin lejn San Gwann mill-karreggjata fuq gewwa, u dawk li jkun sejrin fl-istess direzzjoni fuq barra.

Ghalhekk min ikun barra l-kju f' posizzjoni angolata necessarjament ifixkel it-traffiku li jkun ghaddej mill-karreggjata tan-naha ta' gewwa sejjer lejn San Gwann, jekk mhux addirittura jostakolah, b' mod li l-vetturi li jkun sejrin f' dik id-direzzjoni jkollhom jigbdu fuq il-lemin taghhom sabiex jevitaw il-karrozzi li jkunu barra l-kju qed jistennew sabiex jinserixxu ruhhom fil-kju. Dawn il-kostatazzjonijiet saru minn din il-Qorti kif presjeduta, li hija

[1] Fol.166

familjari hafna mal-inhawi u mal-moviment tat-traffiku f' dan il-post.

Illi rigward id-dinamika tal-incident il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

In vena legali huwa opportun jigi rilevat dak li din il-Qorti ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet PA [MCC]"Carmelo Farrguia –vs- Rokku Farrugia", deciza fl-24 ta' Novembru 1966, li "il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq ilbilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.".

F' dan ir-rigward hija wkoll opportuna l-osservazzjoni li l-fatt li versjoni kif rakkontata f' deposizzjoni tkun impreciza f' certu dettalji, m' ghandux necessarjament iwassal ghall-konkluzjon li dik il-versjoni hija inveritiera u x-xhud jigi diskreditat. Dak li ghandu jitqies bhala determinanti huwa s-sostanza tal-versjoni, valutata skond il-kriterju tal-verosimiljanza. Multo magis f' kazijiet bhal dawn li jirrigwardaw incidenti stradali fi jsehh f' temp ta' ftit sekondi, f' lokalita' traffikuza.

Illi in kwantu ghaz-zewg versjonijiet kontrastanti taz-zewg konvenuti, il-Qorti wara ezami rett tal-provi, hija propensa li taghti affidament lill-versjoni tal-konvenuta Sarah Delia. Il-komportament tax-xhud fuq il-pedana kien fattur determinanti ghal din id-decizjoni konfortata wkoll sa certu grad mix-xhieda tal-attrici u ta' bintha. Ghaldaqstant il-Qorti taccetta bhala veritiera l-versjoni li fil-mument meta sehh l-incident din kienet barra l-kju, f' posizzjoni angolata "kwazi qed immiss mal-karrozza li kienet qed tikkjuwja" u li kienet ilha f' din il-pozizzjoni kwazi hames minuti qed tistenna l-opportunita' li tinserixxi ruhha fil-kju. Din il-konvenuta tghid ukoll li t-traffiku baqa' ghaddej minn naha tal-lemin taghha. Fatt konfermat wkoll mill-attrici.

Illi ghalhekk jidher li meta l-konvenut Raymond Casa wasal ghal din il-parti tat-triq huwa gie rinfaccjat bil-karrozza tal-konvenuta f' posizzjoni angolata f' dik il-parti tat-triq, li kienet qeda tostakola, parzjalment jew totalament, il-karreggjata tan-naha tax-xellug minn fejn kien ghaddej, tilef il-kontroll u baqa' diehel fil-vettura tal-attrici.

Illi mill-provi rrizulta li d-daqqa li qalat l-attrici fuq il-vettura taghha kienet qawwija tant li l-karrozza tal-attrici tkaxkret il-quddiem distanza ta' circa metru, kif ukoll li, ghalkemm mill-lilwa li hemm fit-triq u l-posizzjoni tal-vettura tal-konvenuta hemm distanza tali li tippermetti lil sewwieq prudenti biex jintebah bil-vettura tal-konvenuta, dana xorta wahda ma lahaqx waqqaf il-vettura fil-waqt opportun bil-konsegwenza li ghamel manuvra evasiva li wasslet ghall-kollizzjoni mal-vettura tal-attrici. F' dan ir-rigward il-Qorti hi tal-fehma li l-konvenut kien qed isuq b' velocita' qawwija u inkonsulta tenut kont tas-sistema tat-traffiku u tal-frekwenza tat-traffiku f' dawk l-inhawi. Huwa kien qed isuq b' mod li ma kellux il-vettura that il-kontroll tieghu, b' mod li meta nduna bil-vettura tal-konvenuta huwa ma kienx fil-posizzjoni li jaghmel manuvra evasiva effettiva u cioe' jieqaf fil-hin li jevita l-incident.

In tema legali l-Qorti tosserva li huwa l-obbligu ta' kull sewwieq li fis-sewqan tieghu jzomm a proper look out. Dan l-obbligu huwa korollari ghal-principju li sewwieq ghandu l-oneru li fis-sewqan tieghu juza dik id-diligenza mistennija minn bonus pater familias u li hija ragjonevoli tenut kont tac-cirkotanzi: bhal ma huma l-konfigurazzjoni tat-triq, il-frekwenza tat-traffiku, id-dawl, il-vizwali u cirkostanzi partikolari ohra li jistghu jirrikjedu grad ta' attenzjoni gholi mis-sewwieq. Inoltre, s-sewqan tieghu ghandu jkun tali li jkollu l-kontroll shih tal-vettura tieghu f' kull hin, b' mod li anke f' kaz ta' emergenza subitanea huwa jkun jista' jaghmel manuvra evasiva effettiva.

Huwa l-obbligu ta' kull sewwieq li jirregola s-sewqan tieghu skond il-kondizzjonijiet u c-cirkostanzi bhala ma huma l-hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-

xita, il-piz tal-vettura, l-istat tal-art u cirkostanzi ohra kontingenti, u inoltre huwa d-dmir ta' sewwieq li jzomm dak li komunament tissejjah a reasonable look out, liema dmir igib mieghu li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli…." Reasonable look out ifisser id-dmir li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli jew ahjar in plain view [Vol.LXXXII.III.322]. "The duty to look implies the duty to see what is in plain view" [Gibbs – Trial of Motor Car Accident Cases Sec.54] "Keeping a proper look out, means more than looking straight ahead, it includes <u>awareness of what is happening in one's immediate vicinity</u>. A motorist shall have a view of the whole road from side to side"[Mewhaus vs Bastion Insurance Limited]

Illi l-konvenut Casa kien mankanti f' dan ir-rigward, u ghaldaqstant il-Qorti tirravvisa negligenza fis-sewqan da parti tieghu.

Minn naha l-ohra, il-manuvra jew ahjar il-posizzjoni tal-vettura tal-konvenuta kienet imprudeni u inkonsulta, u minbarra li turi nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti, turi traskuragni fis-sewqan. Il-fatt li hija kienet wieqfa fil-mument tal-incident ma jezonerahiex mir-responsabbilita' ghall-akkadut, stante li dak il-hin hija kienet fil-kontroll tal-vettura taghha u kienet taf, jew kellu ragjonevolment tkun taf jew tkun konxja tal-fatt, li kienet tikkostitwixxi ostakolu stazzjonarju ghal minn kien qed juza dik il-karreggjata, u li allura l-manuvra taghha kienet riskjuza u perikolujza ghall-utenti ta' din il-parti tal-karreggjata.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li l-kawza prossima u immedjata tal-incident in disamina kien in-nuqqas da parti <u>taz-zewg konvenuti</u> ta' dik id-diligenza fis-sewqan li c-cirkostanzi tal-kaz u tal-lok kienu jiddettaw. Illi tenut kont tal-premess il-Qorti hija tal-fehma li f' dan il-kaz ir-responsabilita' ghall-incident in kwistjoni ghandha tigi spartita bejn iz-zewg kontendenti fi kwota ta' terz [1/3] a kariku tal-konvenuta, u zewg terzi [2/3] a kariku tal-konvenut. Ghaldaqstant dawn iz-zewg konvenuti ghandhom jaghmlu tajjeb ghad-danni li soffriet l-attrici, skond dawn il-kwoti.

**Danni**
Illi bhala danni attwali konsegwenzjali ghall-incident, l-attrici fil-prospetti minnha prezentati qed tippretendi l-ammont ta' Lm290.57 spejjez medici u s-somma ta' Lm2,632.75 telf ta' xoghol u qligh wara l-incident ghas-snin 2000 u 2001.

Rigward l-ispejjez medici jigi osservat li, ghalkemm jirrizulta provat l-ammont fuq indikat, jirrizulta wkoll, anke mill-att tac-citazzjoni, li l-attrici giet kompensata mis-socjeta' assikuratrici taghha s-somma ta' Lm150 akkont tal-ispejjez medici;  u ghaldaqstant llum huwa dovut lill-attrici bilanc ta' Lm141ghas-spejjez medici.

Rigward l-ammont rapprezentanti telf ta' xoghol u qligh attwali li sofriet l-attrici tas-sentejn fuq indikati, konsegwenza tal-incident, il-Qorti tosserva li il- punt tal partenza ghandu jkun l-introjtu tax-xoghol li kienet qeda taghmel l-attrici fiz-zmien tal-incident u cioe' fil-21 ta' Ottubru 2000.  Dan qed jinghad ghax, kif gustament osservat il-konvenuta fin-nota ta' l-osservazzjonijiet taghha, l-impieg li l-attrici kellha mas-socjeta' Portanier Bros. Ltd kien gja gie terminat [stante l-gheluq tal-kumpanija] fid-9 ta' Marzu 2000.  Dan il-fatt, konfermat mill-attrici stess, jservi sabiex jeskludi mill-komputazzjoni ta' dawn id-danni l-introjtu li hija kienet ghamlet minn dan l-impieg, u dan ghaliex fiz-zmien tal-incident dan il-qligh kien ilu li  waqaf kwazi tmien xhur.  Ghaldaqstant ghall-fini ta' dan il-kap dak li hu relevanti huwa l-introjtu li kienet ippercepiet l-attrici mill-impieg l-iehor, dak li kellha mal-MISCO International Limited.

F' dan ir-rigward, minn ezami tad-dokumenti esebiti, ghas-snin li jestendu mis-sena 1997 sas-sena 2001 ma jirrizultax li l-attrici sofriet xi telf ta' xoghol u qligh fis-snin 2000 u 2001; anzi l-provi juru l-kuntrarju u cioe' li, stante li l-impieg taghha ma' Portanier Bors. Kien gie terminat f' Marzu 2000, hija kkoncentrat aktar fuq ix-xoghol ma' Misco International Limited bir-rizultat li, kuntrarjament ghas-snin precedenti, l-introjtu tal-attrici ghal dawn is-sentejn kien gie awment b' mod relevanti.

Illi fix-xhieda taghha l-attrici spjegat li meta kellha l-impieg ma' Portanier Bros. hija kienet tahdem xoghol ma' Misco International Limited sakemm tlahhaq is-somma ta' Lm3,000 u ghalhekk, hija tispjega, meta l-impieg ma' Portanier Bros. gie terminat hija hadmet aktar xoghol mal-Misco International Ltd. bir-rizultat li l-qligh taghha zdied. In propositu l-Qorti tosserva, li ghalkemm dan il-kwadru tal-fatti kif prezentat mill-attrici, ghandu relevanza fil-komputazzjoni tal-lucrum cessans, izda fil-komputazzjoni tad-damnum emergenti, il-provi ghandhom ikunu limitati, apparti mill-ispejjez, ghat-"telf tal-paga jew qligh iehor attwali".[2] Ghaldaqstant, f' dan il-kaz, gjaladarba ma rrizultax provat li l-attrici sofriet telf ta' paga jew qligh attwali konsegwenzjali ghall-incident, mhu dovut xejn lilha that dan il-kap.

Illi fil-kaz ta' danni dovuti ghat-telf ta' qligh fil-futur minhabba d-dizabilita' permanenti li soffriet l-attrici rizultat tal-incident, il-komputazzjoni tad-danni hija necessarjament differenti ghax hi bazata fuq kriterji differenti. F' materja ta' lucrum cessans, il-ligi ma taghtix indennix ghall-inkapacita' ut sic, imma ghall-inkapacita' in kwantu din tirrifletti telf ta' qligh – telf patrimonjali. Dan it-telf ghandu jikkomprendi wkoll il-potenzjal tal-vittma li taqla' introjtu fil-futur, ghax dizabilita' necessarjament timpliga nuqqas fil-persuna, fil-potenzjal taghha ghax-xoghol, mhux biss mal-employer prezenti, izda wkoll ma terzi jew anke jekk tahdem ghal rasha. Konsegwentement il-gurisprudenza stabbiliet li l-kriterju li ghandu jifforma l-bazi tal-multiplier, mhuwiex il-life expectancy tad-danneggjat, imma hija l-aspettattiva lavorativa tieghu li llum il-gurnata hu rikonoxxut, tista' tissupera, l-eta' pensjonabbli, minghajr pero' ma jigi injorat il-fattur l-iehor tac-chances and changes of life li jimponi certu elasticita' ta' kriterju stante li jirrendi l-pronuncjament tal-Qorti bhala wieehd ta' probabilita'.

Stabbilit li l-kriterji bazici tal-lucrum cessans huma l-potenzjal tad-danneggjata ghax-xoghol fil-futur, il-hajja

[2] [Art.1045[1] Kap.16] – sottolinear tal-Qorti

lavorattiva taghha, kif ukoll il-fattur tac-chances and changes of life, u ukoll tenut kont tan-natura tax-xoghol li kienet qeda taghmel l-attrici fiz-zmien tal-incident u tal-eta' taghha f' dak iz-zmien [48 sena], il-Qorti hija tal-fehma li ghandha taddotta s-segwenti komputazzjoni li ghandha twassal ghar-rizultat li jkun ekwu kemm ghad-danneggjata kif ukoll ghad-danneggjanti li m' ghandhomx jerfghu piz aktar billi jhallsu aktar minn dak dovut minnhom.

Illi rigward il-kriterju tal-introjtu annwali li ghandu jifforma l-bazi tal-komputazzjoni, il-Qorti tirrileva li huwa gust li, tenut kont tal-potenzjal lavorattiv tal-attrici, dan ghandu jigi kkalkolat kif indikat fil-prospett maghmul minnha[3] li jinkludi wkoll ix-xoghol li kienet taghmel ma' Portanier Bors. Il-provi juru li fit-tlett snin precedenti dik tal-incident hija kienet dahhlet medja ta' Lm3,030. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti din il-figura taghti indikazzjoni gusta tal-potenzjal lavorativ tal-attrici. Inoltre, ma din is-somma ghandha tizdied is-somma ta' Lm400 sabiex taghmel tajjeb ghal zidiet fil-pagi, fl-gholi tal-hajja u varjazzjoni fl-inflazzjoni. B' hekk il-likwidazzjoni tad-danni ghandha tinhadem a bazi ta' multiplicand ta' Lm3,430.

Illi mir-relazzjoni medika jirrizulta li l-griehi li sofriet f' ghonqha l-attrici kawza tal-incident zviluppaw f' debilita' permanenti f' persentagg ta' 5%. Dan f' termini finanzjarji jittraduci ruhu ghal figura ta' Lm171.50 fis-sena.

Illi rigward il-multipier, il-Qorti tosserva li, tenut kont tal-eta' tal-attrici, il-hajja lavorativa taghha u n-natura tax-xoghol taghha, u kkunsidrat ukoll il-fattur tac-chances and changes of life, il-multiplier f' dan il-kaz ghandu jkun ta' 13 il-sena.

Illi rigward il-lump sum payment reduction, il-Qorti tosserva li r-ratio ta' din ir-riduzzjoni hija l-pagament anticipat tal-kapital. Dan il-bazi jibda jiddghajjef progressivament mat-trapass taz-zmien bejn id-data tal-incident u d-data tas-sentenza fis-sens li aktar ma jkun twil dan il-perijodu, aktar tonqos ir-raguni ta' tali deduzjoni.

[3] Fol.71

F’ dan il-kaz, tenut kont tal-fatt li l-incident gara f’ Ottubru 2000 u l-kaz gie konkljuz illum, il-Qorti ghandha taddotta percentagg ta’ 17%.

B’ applikazzjoni tal-premess, u f’ kaz li s-somma dovuta tithallas f’ pagament wiehed, l-ammont dovut lill-attrici in linea ta’ lucrum cessans huwa ta’ Lm1851 [5% ta’ L3,430 = Lm171.50 X 13 = Lm2,229.5 – Lm379 [LSR] = Lm1,850.5].

Ghalhekk id-danni dovuti lill-attrici mill-konvenuti huma ta’ Lm141[danni emergenti] u Lm1,850.5 [lucrum cessans], b’ kollox ekwivalenti ghas-somma ta’ Lm1,992.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi din il-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici, u tiddikjara liz-zewg konvenuti responsabbli ghall-incident stradali indikat fic-citazzjoni, fi grad ta’ terz lill-konvenuta Sara Delia u fil-grad ta’ zewg terzi lill-konvenut Raymond Casa; tillikwida d-danni dovuti lill-attrici fl-ammont ta’ elf disa mija tnejn u disghin lira maltin [Lm1,992]; u tikkundanna lill-konvenut Raymond Casa jhallas lill-attrici s-somma ta’ Lm1,328; filwaqt li tikkundanna lill-konvenuta Sara Delia thallas lill-attrici is-somma ta’ Lm664; bl-imghax rispettiv mid-data ta’ dan il-gudizzju, bl-ispejjez kif mitluba. L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti skond il-kwota rispettiva taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------